

In-nanniet tan-nanniet tan-nanniet tat-tfal kienu
jgħidu li nieshom mhux dejjem kienu jgħixu fuq
il-krejnijiet. Darba kien hemm art fejn kulħadd
kellu dar jew villa jew toqba fi blokka flettijiet
jew saħansitra torri sħiħ! Wara mhux ħafna,
l-art inksiet bil-ġebel u l-konkrit u meta ġew
il-Maltempi ġabu magħhom xitat li ma jieqfu qatt.
L-ilmijiet bdew jgħattu t-toroq, bdew telgħin u
telgħin sakemm in-nies ma kienx fadlilhom triq
oħra ħlief li jemigraw għall-krejnijiet. Bdew ibejtu
fis-sulari tal-krejnijiet fejn l-ilmijiet ma jilħqux.

Il-krejnijiet koroh. Mostri tal-ħadid, għonqhom
imġebbed fuq saqajn li ma jispiċċaw qatt.
Bla għajnejn, bla widnejn, bla mnieħer, imma
l-krib tal-ħadid li jokorbu vera ta' qsim il-qalb.
In-nanniet tan-nanniet tan-nanniet tat-tfal kien
jaħsbu li l-krejnijiet tant kienu sodi u robusti,
ġganteski u godlin li kienu se jibqgħu weqfin

għal dejjem. Imma dan mhux minnu, għax l-ilma salmastru jiekol ir-riġlejn, is-sajjetti jferu l-ġisem u x-xitat jherru l-ħbula. Għalhekk inewħu lejl u nhar. Stunar ta' żaqżiq bla sabar bħal xi ħadd li ma jafx x'se jaqbad jagħmel bih innifsu.

Dan l-aħħar Tita u ħuha l-kbir li jismu Fjan, bdew iħossu l-krejn tagħhom jitbandal. Jixxengel lejn naħa, jinġibed, jinġibed, jinġibed sakemm jieqaf nofs sekonda u mbagħad jerġa' lura. F'dik in-nofs sekonda jistħajluh se jinqasam jew jegħleb.

Jaqsmilhom qalbhom iwaħwaħ. Ma jifilħuhx iktar. Ta' xejn jitgeddsu fil-bejta tagħhom għall-wens. F'dal-pajjiż ma tistax tgħid li tinqafel fid-dar u għal ftit ħin ma tisma' xejn. F'dal-pajjiż qatt qatt ma tista' taħrab it-twaħwiħ tal-ħadid u x-xita tlandad.

Tita u Fjan inġabru jistennew xi ħaġa tiġri.
Imma xiex?

Kienu jafu biss li jekk il-ħbula jinqatgħu minn mas-smewwiet, jispiċċaw bla krejn, bla bejta, bla xejn.

*Il-ħbula ma tistax tittraskurahom.*

Ma tkunx l-ewwel darba f'dal-pajjiż. Biss biss, sentejn ilu waqa' krejn numru tlettax. Kien f'nofs ta' lejl, għall-ħabta tas-siegħa, xħin normalment jgħaddu l-iktar sajjetti żbranati minn fuqhom. Ġolf ta' ħamsin sular, wieħed mill-kbar tal-Galjun, it-tribù ġar tagħhom. Is-sajjetti qatgħuh minn ġewwa. F'salt wieħed sparaw tnejn mill-ħbula prinċipali u ma felaħx jiddritta miskin. Wara ftit sparaw żewġ ħbula oħra u niżel b'saħħa fuq it-tliet krejnijiet ta' ħdejh. Ġgajta ta' ħsejjes



waħxija. Mewġ m'ogħla xi għoxrin sular. Għal ftit waqtiet infetħu s-smewwiet u x-xemx għemżet kemm kemm. Ma damitx wisq. L-ajru reġa' mtela. Ix-xita reġgħet bdiet. L-ilmijiet belgħu kollox ħlief sieq ta' wieħed minnhom li għadha sal-lum tisponta f'nofs l-ilmijiet, tifkira tat-traġedja li ġġiblek qalbek ġunġliena.

*Il-ħbula ma tistax ma tiħux ħsiebhom.* Taf sew Tita. U s-sema jżommok wieqaf. Mas-sema, ikrah kemm hu ikrah, tista' torbot il-krejn.



Tita nofsha tifla rqajqa u nofsha ħlejqa xiħa ta' tlettax-il sena u nofs. Rasha dejjem mistura taħt barnuża sewda fuq xagħarha mġiegħed. Dejjem b'barżakka daqsiex imqandla ma' daharha.

Jekk qatt jirnexxilek tħarsilha f'għajnejha, żgur tħossok wiċċ imb wiċċ m'għerf rari li jaf kollox. Hija ħlejqa li żgur fuq li żgur mhux se ssib oħra bħalha. Stramba u tfur bil-ġmiel, għax il-ġmiel dejjem stramb u l-istramb dejjem maħsul mill-ġmiel.

Tita tħaddan u jħaddanha s-skiet. Titkellem biss meta jkun hemm bżonn. Leħinha għandu l-kisra ta' mara xiħa u l-ħanqa ħafifa ta' strument li jindaqq biss f'okkażjonijiet speċjali.

Diffiċli taraha. It-tip li tiżgiċċa, taħrab, tinħeba. Għandha mod u manjiera kif ma tagħtix fl-għajn, kif tibqa' mistura. Tfittex biss id-dawl tal-qamar u f'dan id-dawl togħdos għall-ħxejjex tal-baħar.

Tita ma tafx taqra. M'għandhiex bżonn tkun taf, għax dan pajjiż bla kotba. Ilu ħafna li tilifhom. Imma Tita taf taqra s-sinjali, in-naqxiet, il-girfiet, il-feriti. Tmisshom u f'qiegħ qalbha tħoss dak li jistgħu jfissru. Kulħadd jaf li hi tifhimhom iktar minn ħaddieħor.

